# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Nru: 781/2021**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 625/2019/1MH fl-ismijiet:**

***JOSEPH BORG U MARTU RAINA BORG***

***VS.***

***DR MARK MIFSUD CUTAJAR U PL MARIE CLAIRE BARTOLO LI PERMEZZ TA' DIGRIET DATAT 25 TA' APRIL 2017 ĠEW MAĦTURA BĦALA KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPPREŻENTAW LILL-ASSENTI LENA MARGARET CHICK ARMLA TA` DERRICK CHICK U WLIEDHA CHRISTOPHER, STEPHEN, PAUL, ANTHONY, DAVID, PETER, JULIA MART RICHARD SAYLE, SUSAN KIRKHAM U HELEN KIRKHAM, AĦWA CHICK***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba tal-avukat Adrian Camilleri f'isem Lena Margaret Digby, Susan Kirkham u Helen Knott magħmula taħt l-**artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għat-tħassir ta' mandat ta' inibizzjoni numru 625/2019/1MH;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>6 ta' Awwissu, 2021</u>**, l-avukat Adrian Camilleri *nomine* fisser li l-mandanti tiegħu ġew milquta b'mandat ta' inibizzjoni sabiex ma jbigħux

jew ma jiddisponux minn post tagħhom li jinsab f'Birkirkara. Huwa jgħid li l-mandanti tiegħu għandhom sehem mhux maqsum ta' 11/18 fuq dan il-post;

3. Huwa jkompli jgħid li dan il-mandat inħareġ fuq talba ta' Joseph u Raina Borġ sabiex jikkawtelaw is-somma ta' €10,736.61 li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat li għandhom jirċievu b'sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2019, f'kawża li saret bejn il-partijiet. Din is-sentenza ġiet appellata u sallum l-appell għadu ma ġiex deċiż;

4. L-avukat Adrian Camilleri *nomine* jisħaq li Margaret Digby, Susan Kirkham u Helen Knott huma lesti li jipprovdu garanzija alternattiva, fil-forma ta' ipoteka speċjali fuq is-sehem mhux maqsum tagħhom, li għandhom fuq il-post suġġett għall-mandat, ħalli din l-ipoteka speċjali tagħmel tajjeb għall-ammont sħiħ li hemm kawtelat fil-mandat;

5. Għalhekk huma talbu lil din il-qorti sabiex

> *«takkordalom [sic] joffru garanzija alternattiva ai termini tal-Art. 836(1)(c) sabiex il-pretensjonijiet tal-atturi tiġi kawtelata [sic] billi tippermettilom [sic] joffru ipoteka speċjali fuq is-sehem indiviż tagħhom ta' 11/18 mill-fond de quo u li wara li dan isir tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni u dana salv kwalunkwe provvediment ieħor xieraq u opportun li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobHa tipprovdi.»*

6. B'digriet tagħha tat-**<u>23 ta' Awwissu, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lill-partijiet involuti, bi żmien sebat ijiem għan-nota bi tweġiba skont l-**artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet, din il-qorti tat żmien ukoll ta' sebat ijiem lill-avukat Adrian Camilleri *nomine* biex iressaq nota fejn fiha kellu jfisser għaliex għall-għanijiet tal-**artikolu 836(1) tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta**, dan ir-rikors għat-tħassir tal-mandat tressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux quddiem il-Qorti tal-Appell li quddiemha hemm pendenti l-kawża prinċipali bejn il-partijiet;

7. L-avukat Adrian Camilleri *nomine* ressaq nota fit-**<u>30 ta' Awwissu, 2021</u>** fejn ta r-raġunijiet tiegħu għaliex ressaq dan ir-rikors quddiem din il-qorti u mhux quddiem il-Qorti tal-Appell;

8. Joseph u Raina Borġ wieġbu fis-**<u>6 ta' Settembru, 2021</u>** u l-kuraturi deputati Dr. Mark Mifsud Cutajar u P.L. Marie Claire Bartolo wieġbu fis-**<u>17 ta' Settembru, 2021</u>**;

***Fatti***

9. Fid-**<u>29 ta' Marzu, 2019</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza fil-proċeduri bin-numru 297/2017MH, li permezz tagħha l-assenti Lena Margaret Chick u wliedha Christopher, Stephen, Paul, Anthony, David, Peter, Julia, Susan u Helen aħwa Chick ġew ikkundannanti jħallsu lil Joseph u Raina Borġ is-somma ta' €10,736.61;

10. Din is-sentenza ġiet appellata iżda sallum l-appell għadu ma ġiex appuntat;

11. B'digriet mogħti fl-**<u>10 ta' Ġunju, 2019</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' Joseph u Raina Borġ sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni kontra Lena Margaret Chick u wliedha milli jbiegħu jew jiddisponu mill-post bin-numri 12 u 13, fi Triq Ħas-Sajjied, Birkirkara;

12. Fis-**<u>6 ta' Awwissu, 2021</u>** tressaq ir-rikors tallum quddiem din il-qorti sabiex dan il-mandat ta' inibizzjoni jiġi mneħħi;

***Konsiderazzjonijiet***

13. Din il-qorti tqis li l-ewwel kwistjoni li trid tiddeċiedi hi jekk hija tistax tisma' u tiddeċiedi dan ir-rikors, ladarba l-kawża prinċipali li hemm għaddejja bejn il-

partijiet tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

14. Il-proċedura mibdija mill-avukat Adrian Camilleri *nomine* ġiet imsejsa fuq l-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fil-parti introduttiva tiegħu, dan l-artikolu jgħid li,

> *«l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu»;*

15. Kif wieħed jista' jilmaħ minn qari ta' din is-silta, il-liġi tagħmel distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn tkun għadha ma saritx kawża wara l-ħruġ tal-mandat u sitwazzjoni fejn tkun saret kawza wara l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju. Jekk ma tkunx saret kawża, ir-rikors għat-tneħħija tal-mandat għandu jsir quddiem il-qorti li tkun ħarġet il-mandat, filwaqt li jekk tkun saret kawża, ir-rikors għat-tneħħija tal-mandat għandu jitressaq quddiem il-qorti li tkun qiegħda titratta dik il-kawża;

16. Fil-każ tagħna, il-mandat ta' inibizzjoni li l-avukat Adrian Camilleri *nomine* jrid ineħħi, inħareġ wara li kienet ingħatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu, 2019 bejn il-partijiet u wara li kien laħaq tressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell;

17. L-avukat Adrian Camilleri *nomine* fin-nota tiegħu tat-30 ta' Awwissu, 2021 (ara paġna 4 tal-atti), jgħid li t-talba għat-tneħħija tal-mandat saret quddiem din il-qorti għaliex il-mandat ta' inibizzjoni nħareġ fuq ordni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux mill-Qorti tal-Appell;

18. Min-naħa l-oħra, Joseph u Raina Borġ ħallew f'idejn il-qorti biex tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni (ara r-risposta f'paġni 5 u 6 tal-atti), filwaqt li l-kuraturi deputati ma qalu xejn dwar dan il-punt (ara r-risposta f'paġna 7 tal-atti);

19. Illi din il-qorti tqis li fid-deċiżjoni ***Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et*** mogħtija dan l-aħħar fil-25 Frar, 2021, il-Qorti tal-Appell għamlitha ċara ħafna fejn għandhom isiru: (i) ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju; u (ii) ir-rikors għat-tneħħija tal-mandat kawtelatorju, meta l-kawża prinċipali bejn il-partijiet tkun pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell;

20. Fl-ewwel sitwazzjoni, ir-rikors għall-**<u>ħruġ tal-mandat kawtelatorju</u>** għandu jsir quddiem qorti tal-ewwel stadju għaliex il-liġi mkien ma tgħid li l-Qorti tal-Appell tista' toħroġ mandati kawtelatorji, filwaqt li fit-tieni sitwazzjoni r-rikors għat-**<u>tneħħija tal-mandat kawtelatorju</u>** għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell għaliex skont l-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, rikors bħal dan għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell bħala l-qorti li tkun qiegħda titratta l-kawża;

21. Il-każ li għandna llum huwa rikors għat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju li sar meta l-kawża tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Ifisser allura, li suppost dan ir-rikors ma sarx quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iżda kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell. Bħalma ntqal mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Tereza Vella pro et noe* v. *David Vella*** mogħtija fis-27 ta' Novembru, 2009,

> *«Darba li hemm appell pendenti, u dan il-fatt m'huwiex in kontestazzjoni, allura l-Qorti li fil-preżent qiegħda tieħu konjizzjoni tal-każ hija din il-Qorti, u li wieħed jippretendi xort'oħra u jsostni li t-trattazzjoni ta' din it-talba għandha tinstema' mill-ewwel Qorti jammonta għal spropożitu legali.»*

22. Il-fatt li r-rikors għat-tneħħija tal-mandat kawtelatorju għandu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, f'każ li jkun hemm appell pendenti, ġie mtenni ħafna drabi mill-Qorti tal-Appell. Dan il-prinċipju jgħodd anke jekk l-appell ikun għadu ma ġiex appuntat għas-smigħ (ara b'eżempju, ***Brian Bugeja et v. Nutar Pubbliku Dr Herbert Cassar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Mejju, 2006, ***Norbert McKeon et v. Emanuel Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Lulju, 2013, ***Stephen Tanti et v. Louis Scerri Montaldo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015 u ***Zealand Holdings Inc. v. Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015);

23. Immela fid-dawl ta’ dak li tgħid il-liġi u l-ġurisprudenza fuq imsemmija, din il-qorti m’għandhiex is-setgħa skont l-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** illi tiddeċiedi dan ir-rikors ta’ tneħħija tal-mandat, ladarba l-proċeduri prinċipali bejn il-partijiet f’dan il-każ jinsabu mħollija quddiem il-Qorti tal-Appell;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-rikors tal-avukat Adrian Camilleri *nomine* tas-6 ta’ Awwissu, 2021, billi tastjeni milli tqisu għaliex skont l-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** dan ma kellux jitressaq quddiem din il-qorti;

Bit-tħaddim tal-*proviso* tal-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, din il-qorti qiegħda tordna li l-atti ta’ dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Qorti tal-Appell sabiex dawn jiġu deċiżi minnha skont il-liġi.

**Digriet kamerali mogħti llum, nhar it-22 ta’ Settembru, 2021.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**